Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2024/2124(INI)

16.07.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-intraprenditorija tan-nisa fiż-żoni rurali u insulari u fir-reġjuni ultraperiferiċi
(2024/2124(INI))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

Rapporteur: Elżbieta Katarzyna Łukacijewska

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

ANNESS: DIKJARAZZJONIJIET TAL-KONTRIBUT 10

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-intraprenditorija tan-nisa fiż-żoni rurali u insulari u fir-reġjuni ultraperiferiċi (2024/2124(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE[3],

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija dwar il-Ġeneri[4]tal-Fond Ewropew tal-Investiment u tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi[5],

– wara li kkunsidra l-Programm ta' Tmexxija tan-Nisa tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni[6],

– wara li kkunsidra l-pjanijiet għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri taż-Żona Ewropea tar-Riċerka[7],

[1] ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/54/oj.
[2] ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/970/oj.
[3] ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1158/oj.
[4] https://www.eib.org/en/publications/online/all/eib-evaluation-gender-strategy.
[5] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj.
[6] https://www.eit.europa.eu/our-activities/opportunities/eic-women-leadership-programme.
[7] https://rea.ec.europa.eu/publications/impact-gender-equality-plans-across-european-research-area-0_en.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta’ Mejju 2022 dwar il-ksib tal-indipendenza ekonomika tan-nisa permezz tal-intraprenditorija u tal-impjieg indipendenti[8],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (A10-0000/2025),

A. billi n-nisa jaqdu rwol ewlieni f’ekonomiji rurali, iżda jkomplu jħabbtu wiċċhom ma’ ostakli legali, finanzjarji, kulturali u infrastrutturali għall-intraprenditorja u l-indipendenza ekonomika; billi ż-żoni rurali huma integrali għall-istil tal-ħajja Ewropew, peress li jinkorporaw il-bilanċ bejn it-tradizzjoni u l-progress;

B. billi appoġġ prattiku mmirat, pereżempju mikrokrediti, mentoraġġ u proċeduri simplifikati, jista’ jawtonomizza l-intraprendituri ta’ negozju ġdid;

C. billi n-nisa fir-reġjuni periferiċi u remoti jħabbtu wicchom ma’ sfidi u ostakli intensifikati minħabba l-iżolament, it-tixjiħ tal-popolazzjoni u servizzi limitati;

D. billi r-rikonċiljazzjoni tal-intraprenditorija mal-ħajja tal-familja tibqa’ diffiċili, b’mod partikolari f’żoni rurali fejn is-servizzi pubbliċi huma limitati;

E. billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, l-istigma u n-nuqqas ta’ appoġġ jimminaw il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja soċjali u ekonomika f’żoni rurali minħabba nuqqas ta’ networks ta’ appoġġ u rwoli tal-ġeneru tradizzjonali aktar qawwija;

F. billi l-inklużjoni diġitali hija essenzjali biex in-nisa jaċċessaw it-taħriġ, is-swieq u opportunitajiet ta’ xogħol mill-bogħod u innovazzjoni; billi l-edukazzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) għall-bniet tista’ tgħin biex ixxejjen id-distakki bejn il-ġeneri;

G. billi l-appoġġ għan-nisa fil-biedja, fl-artiġjanat tradizzjonali u fis-setturi kreattivi jikkontribwixxi għal reżiljenza ekonomika lokali, preservazzjoni kulturali u tiġdid ġenerazzjonali;

H. billi d-data diżaggregata skont il-ġeneru hija essenzjali għall-iżvilupp ta’ politiki ta’ intraprenditorija rurali li jindirizzaw b’mod effettiv il-bżonnijiet speċifiċi tan-nisa;

L-integrazzjoni tal-kompetittivitá

1. Jenfasizza li l-intraprendituri nisa huma mutur ewlieni tal-innovazzjoni, tal-koeżjoni u tal-kompetittività f’żoni rurali; jappella għal aċċess imtejjeb għall-finanzjament ta’ innovazzjoni, programmi ta’ appoġġ imfasslin apposta għall-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, u opportunitajiet fi ħdan l-ekonomiji ħodor u diġitali, li jiżguraw li intraprendituri nisa jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-swieq emerġenti;

[8] ĠU C 465, 6.12.2022, p. 54.

2. Jappella għall-iżvilupp ta' networks strutturati ta' mentoraġġ u pjattaformi ta' tagħlim bejn il-pari, b'mod partikolari f'oqsma bħad-diġitalizzazzjoni, il-finanzi u l-amministrazzjoni;

3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippromwovu stejjer ta' suċċess ta' intraprendituri rurali nisa permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jagħtu spinta lill-viżibbiltà, il-kunfidenza u l-involviment tal-komunità;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, b'kooperazzjoni mal-isħab soċjali, biex janalizzaw ostakli ewlenin għall-impjieg u l-intraprenditorja tan-nisa, inklużi fir-reġjuni ultraperiferiċi u remoti;

5. Jappoġġja l-istrateġija tal-Kummissjoni għal unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti u l-ħolqien u l-espansjoni ta' strumenti finanzjarji inklużivi, inkluż kont ta' tfaddil ta' investiment ċertifikat tal-UE biex iżid u jiffaċilita l-aċċess għal finanzi għal kumpaniji tal-UE;

6. Jappella għal investimenti immirati fl-infrastruttura diġitali, l-iżvilupp ta' ħiliet u oqsfa ta' politika diġitali inklużivi li jiżguraw li n-nisa rurali ma jitħallewx jibqgħu lura fit-tranżizzjoni diġitali;

7. jappella għal miżuri mmirati biex jitjieb l-aċċess tan-nisa għall-art, il-finanzi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, speċjalment għal bdiewa nisa u għas-sidien ta' negozji aspiranti;

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex talloka finanzjament adegwat fi ħdan il-programmi rilevanti biex tappoġġja intrapriżi mmexxija minn nisa f'żoni rurali u remoti, b'mod partikolari f'setturi innovattivi u fis-settur tat-turiżmu;

L-integrazzjoni tal-preparatezza

9. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-edukazzjoni tinkludi ħiliet diġitali u suġġetti STEM b'mod li jisfidaw l-istereotipi dannużi marbuta mal-ġeneru u jappoġġjaw tagħlim komprensiv dwar il-kunsens u d-drittijiet;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu taħriġ, servizzi ta' emerġenza u infrastruttura sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru biex jittaffa l-impatt ta' kriżijiet fuq il-komunitajiet rurali;

Kultura u artiġjanat tradizzjonali

11. Ifaħħar komunitajiet li jħaddnu l-biedja lokali mmexxija minn nisa, u xogħlijiet ta' artiġjanat tradizzjonali bħalma huma dawk imrawma minn assoċjazzjonijiet lokali ta' nisa tad-dar, monumenti u mużewijiet, li kollha jservu biex irawmu t-turiżmu u l-kburija soċjali fi ħdan il-komunità lokali;

12. Jissottolinja l-potenzjal soċjoekonomiku ta' artiġjanat tradizzjonali u ekonomiji lokali ċirkolari, speċjalment għal nisa anzjani; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-intraprenditorja interġenerazzjonali u l-ktajjen tal-valur ibbażati fuq l-artiġjanat permezz ta' taħriġ, finanzjament u azzjonijiet ta' viżibbiltà;

13. Iħeġġeġ il-promozzjoni ta' tagħlim tul il-ħajja, ir-rikonoxximent ta' tagħlim ta' qabel u l-inklużjoni diġitali għal nisa anzjani f'żoni rurali;

14. Jappella għal appoġġ akbar biex jinżammu tradizzjonijiet tal-artiġjanat li għandhom mijiet ta' snin, bħalma huma l-insiġ, ir-rakkmu u l-fuħħar, kif trawmu minn bosta assoċjazzjonijiet ta' nisa tad-dar rurali;

Il-Biedja

15. Jenfasizza l-bżonn li jiġu promossi l-viżibbiltà, ir-rikonoxximent u l-apprezzament tal-kontribuzzjoni tan-nisa fl-agrikoltura, inkluż rżieżet immexxija mill-familji; jappella għall-aċċess indaqs tal-ġeneri għal art, fondi ta' Politika Agrikola Komuni (PAK), servizzi ta' konsulenza, appoġġ għall-innovazzjoni u drittijiet ta' suċċessjoni;

16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiġbru data diżaggregata skont il-ġeneru dwar sjieda tal-art, tmexxija agrikola u l-kontributi informali tan-nisa;

17. Jappella għal miżuri li jappoġġjaw lill-bdiewa nisa żgħażagħ, peress li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa importanti biex tinżamm l-attività agrikola, li tiżgura sigurtà tal-ikel u komunitajiet rurali mimlijin ħajja;

18. Jappella għal inklużività akbar f'żoni rurali, u għal żoni reżiljenti u konnessi sew li jipprovdu servizzi u prodotti siguri u ta' kwalità għolja għas-soċjetà inġenerali;

Aċċess ugwali għall-infrastruttura u għas-servizzi

19. Jenfasizza li aċċess ekwu għal infrastruttura bħal internet b'veloċità għolja u trasport affidabbli huwa essenzjali biex jippermetti lin-nisa rurali li jipparteċipaw fil-ħajja ekonomika, edukattiva u ċivika;

20. Iħeġġeġ l-investiment f'intrapriżi soċjali, kooperattivi u mudelli ta' negozju relatati mal-kura li jawtonomizza n-nisa rurali biex jindirizzaw bżonnijiet lokali, bħall-indukrar tat-tfal, il-kura tal-anzjani u l-benesseri tal-komunità;

21. Jenfasizza li aċċess limitat għall-kura tas-saħħa – inklużi servizzi ta' kura materna u tas-saħħa mentali – jaffetwa lin-nisa fir-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi b'mod sproporzjonat; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw id-disponibbiltà, l-affordabbiltà u l-kontinwità ta' servizzi tas-saħħa essenzjali, permezz ta' kliniki mobbli u telemediċina;

Vjolenza

22. Jirrikonoxxi li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż l-abbuż domestiku, ekonomiku, sesswali u psikoloġiku, hija ostaklu serju għall-awtonomija u l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja ekonomika f'reġjuni rurali u insulari;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-intraprenditorija tan-nisa fir-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi hija appoġġjata b'mod adegwat skont il-qafas finanzjarju pluriennali wara l-2017, inkluż finanzjament permezz tal-programmi rilevanti bħall-PAK, Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali; jissottolinja l-importanza li

jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tal-UE għall-intrapriżi rurali mmexxija minn nisa, għall-kooperattivi u għall-proġetti bbażati fil-komunità;

24. Itenni l-ħtieġa għal strateġija komprensiva tal-UE għall-intraprenditorija tan-nisa fir-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi u jappella biex jiġu allokati riżorsi finanzjarji dedikati u mekkaniżmi ta' finanzjament espressament lil din l-istrateġija;

°

° °

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

In-nisa fir-reġjuni rurali, insulari u ultraperiferiċi huma muturi ewlenin tal-benesseri tal-komunità, ir-reżiljenza ekonomika u l-koeżjoni soċjali. Madankollu fl-UE kollha, inkluż f'pajjiżi bħall-Polonja, ikomplu jħabbtu wiċċhom ma' ostakli soċjali, finanzjarji u legali li jillimitaw il-parteċipazzjoni ekonomika sħiħa tagħhom. Dan ir-rapport għandu l-għan li jixħet dawl fuq dawk l-isfidi filwaqt li jressaq rakkomandazzjonijiet prattiċi u mmirati biex isaħħu l-intraprenditorija tan-nisa, l-inklużjoni soċjali u l-indipendenza ekonomika fit-tul f'territorji rurali.

F'ħafna Stati Membri, nisa rurali huma affettwati b'mod sproporzjonat min-nuqqas ta' aċċess għall-finanzi, indukrar tat-tfal affordabbli, konnessjonijiet tat-trasport adegwati, infrastruttura diġitali u sistemi ta' appoġġ li huma sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru. Filwaqt li l-piżijiet tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u tal-kura tradizzjonali jippersistu f'kuntesti urbani, dawn sikwit jikbru f'żoni rurali. Fil-Polonja pereżempju, nisa f'muniċipalitajiet periferiċi jew b'densità baxxa sikwit jikkombinaw xogħol ta' indukrar bla ħlas ma' xogħol informali jew biedja mill-familji, mingħajr rikonoxximent jew protezzjoni tas-sigurtà soċjali. Madankollu, inizjattivi fil-livell lokali bħall-assoċjazzjonijiet tan-nisa tad-dar lokali jew kooperattivi rurali wrew li permezz tal-appoġġ istituzzjonali tajjeb, in-nisa jistgħu jmexxu ekonomiji lokali ta' suċċess, jippreservaw il-wirt storiku u jibnu ekosistemi tal-innovazzjoni inklużivi.

Dan ir-rapport jenfasizza l-bżonn li ssir bidla minn interventi iżolati għal approċċ aktar komprensiv u reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru. Jappella għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki ta' żvilupp rurali, ta' koeżjoni, diġitali u agrikoli kollha. Id-dokument jenfasizza wkoll l-importanza tal-ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru, filwaqt li jqajjem kuxjenza tal-kontribuzzjonijiet tan-nisa lill-ekonomiji lokali, u jappoġġja l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tranżizzjonijiet STEM u diġitali. Tali miżuri huma essenzjali biex jiżguraw li n-nisa ma jintesewx fit-trasformazzjoni ta' żoni rurali.

Tingħata attenzjoni partikolari lejn id-disponibbiltà tal-finanzi. Intraprendituri nisa f'żoni rurali, speċjalment intraprendituri ta' negozji ġodda jew dawk li jaħdmu fl-oqsma tal-kura, it-turiżmu, jew fis-setturi tas-snajja' tradizzjonali, għadhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet sproporzjonati biex jaċċessaw il-kreditu u l-appoġġ għan-negozju. F'dan il-kuntest, ir-rapport jilqa' l-inizjattiva tal-Kont ta' Tfaddil ta' Investiment tal-UE (ISA) u jappella għal verżjoni dedikata mfassla għan-nisa rurali. Barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) wara l-2027 jinkludi finanzjament allokat għall-intraprenditorija tan-nisa skont il-PAK, Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali.

Ir-rapport jirrifletti wkoll fuq in-natura tax-xogħol rurali fil-biedja b'rabta mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Minkejja r-rwol ċentrali li jaqdu n-nisa fil-produzzjoni agrikola u l-ġestjoni tal-azjendi agrikoli, huma sikwit inviżibbli fl-istatistiċi uffiċjali u t-tfassil ta' politika. L-aċċess għal art, għal remunerazzjoni ġusta, għad-drittijiet ta' suċċessjoni u l-aċċess għall-fondi tal-KAP jibqgħu sfida. Kif inhu indikat fir-riċerka ppreżentata lill-Kumitat FEMM, xejriet bħal "l-iben bħala eredi" u s-sottovalutazzjoni tal-kontributi tan-nisa għadhom jiddominaw f'bosta Stati Membri, inkluż il-Polonja.

Lil hinn mill-ekonomija, ir-rapport jindirizza r-rabta bejn aċċess għal servizzi, il-vjolenza u l-esklużjoni. Il-vjolenza abbażi tal-ġeneru hija fenomenu mifrux li sikwit ma jiġix irrapurtat f'żoni rurali minħabba stigma, nuqqas ta' servizzi u rwoli tal-ġeneru tradizzjonali

b’saħħithom. Ir-rapport jissottolinja l-ħtieġa urġenti għal sistemi ta’ appoġġ aċċessibbli, kunfidenzjali u finanzjati sew, kif ukoll għal miżuri ta’ sensibbilizzazzjoni u ta’ prevenzjoni bbażati fil-komunità.

Sinifikattivament, din l-inizjattiva ma toffrix biss risposta għal ugwaljanzi eżistenti; toffri wkoll viżjoni. Viżjoni ta’ żvilupp rurali inklużiv li fih in-nisa ma jitqiesux ta’ importanza sekondarja iżda huma atturi ċentrali. Li fih is-snajja’ tradizzjonali, l-agrikoltura, l-ekonomija ċirkolari u l-innovazzjoni diġitali mhumiex reċiprokament esklużivi iżda interkonnessi. Fejn il-ħidma tan-nisa hija viżibbli, apprezzata u appoġġjata.

Ir-rapport huwa ankrat fil-leġiżlazzjoni u l-istrateġiji eżistenti tal-UE, inklużi id-Direttiva dwar it-Trasparenza tal-Pagi, id-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jew l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020–2025. Huwa allinjat mal-oġġettivi tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u l-prinċipji tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-koeżjoni territorjali.

Fl-abbozzar ta’ dan ir-rapport, tqiesu l-kontributi minn esperti akkademiċi, mis-soċjetà ċivili u minn Membri tal-Parlament Ewropew. Ir-rapporteur tixtieq tirringrazzja li dawk kollha li qasmu l-esperjenzi, l-analiżi u l-eżempji prattiċi tagħhom. Il-kontribut tagħhom għen biex tfassal pjan ta’ azzjoni ta’ politika li huwa ambizzjuż kif ukoll ankrat fir-realtà.

L-intraprenditorija tan-nisa f’żoni rurali mhijiex kwistjoni li tolqot lil minoranza żgħira. Hija kwistjoni ta’ ġustizzja, koeżjoni u żvilupp sostenibbli. Irridu nieħdu azzjoni issa.

ANNESS: DIKJARAZZJONIJIET TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li fir-rapport tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi li ġejjin, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza
South East Technological University - L-Irlanda
Yolo - you only live once
Vereniging Universiteiten van Nederland
L-Università ta' Galway
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar reġistru obbligatorju ta' trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).